MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 2104/1997/1

**Alfred u Emma konjugi Cassar**

**vs**

**Kevin u Graziella konjugi Anastasi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta’ mija u sebghin lira maltin (Lm170) rappresentanti hlas ta’ xoghol ta’ tibjid, u talli barax il-fond okkupat mill-konvenuti, liema somma hija dovuta, u li jammettu li ghandhom ihallsu din is-somma.

Bl-ispejjes u imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluz ta’ ittri bonarji ta’ 1 ta’ Awissu, 1997, 8 ta’ Awissu,

1997 u tat-30 ta’ Settembru, 1997 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 6 tal-atti) u li biha eccepew:

1. Illi huwa minnu illi l-attur Alfred Cassar ghamel xi xoghol ta’ tibjid u tikhil fir-residenza tal-konjugi Anastasi.

2. Illi ma sar ebda ftehim bejn il-partijiet dwar kif ser jigi kkalkolat il-kont ghax-xoghol li kien qed isir mill-attur, u dan ghalkemm gie mitlub diversi drabi mill-konvenuti biex jaghmel dan.

3. Illi fil-fehma tal-konvenuti l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv meta wiehed jikkunsidra x-xoghol li fil-fatt sar minnu.

4. Illi ghalhekk l-eccipjenti jhossu illi m’ghandhomx jhallsu l-ammont mitlub mill-atturi.

5. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, permess tal-“affidavit” li jinsab a fol 18 tal-atti, specifika x’kien ix-xoghol kollu ta’ tikhil u tibjid li hu esegwixxa fuq inkarigu moghti lilu minn mart il-konvenut Graziella. Dwar il-prezz tal-istess xoghol hu spjega ulterjorment kif originarjament kien talab Lm210 izda, “biex nzomm il-buon vicinat” kien naqqas dan il-prezz ghall-ammont pretiz fl-avviz. Pero’ sallum ghadu ma kienx thallas, l-istess ammont dovut lilu. In rigward ix-xoghol esegwit ma jidhirx li kien hemm xi lment daru (ara l-“affidavit” ta’ <u>Vincenza Barbara</u> a fol 20 ibid).

Illi l-konvenuti ma resqu ebda prova sabiex <u>jissostanzjaw</u> l-allegazzjoni taghhom illi l-ammont mitlub kien eccessiv. In rigward l-istess eccezzjoni, kull ma’ qal il-konvenut kien illi “Din id-darba jidhirli li qed jitlob hafna” (fol 27 ibid). Filfatt, tenut kont tax-xoghol esegwit u tal-prezz pretiz mill-attur, ma jidhirx li dan b’xi mod hu esagerat jew eccessiv.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM170 bl-imghax legali mit-2 ta' Ottubru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-1 ta' Awissu 1997, tat-8 ta' Awissu 1997 u tat-30 ta' Settembru 1997.

--------------------------------TMIEM--------------------------------